# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Att ta' Akkuza Nru: 24/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Iancuba Balde'**

Illum 4 ta' Ottubru, 2016.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 24 tas-sena 2012 fil-konfront ta' Iancuba Balde' (detentur tal-passaport L518466 u karta tal-identita' Portugiza numru 14573955 li bih huwa akkuzat talli :

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-13 ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011), u fil-gimgħat u xhur ta' qabel, IANCUBA BALDE' (minn hawn il-quddiem magħruf bħala "l-akkużat") iddeċieda illi jibda jassoċja ruħu ma' nies oħrajn sabiex jibda jimporta, jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina f'Malta.

L-akkużat kien iltaqa' ma ċertu Paolo li kien jgħix Lisbona u li kien emigra lejn il-Brażil. Dan Paolo kien ħajjar lill-akkużat sabiex imur f'Sao Paolo, fil-Brażil. L-

akkużat aċċetta u meta mar f'Sao Paolo, dan Paolo beda jħajjru biex jibda jġorr id-droga. L-akkużat konxjament aċċetta li jagħmel dan.

Fil-fatt l-akkużat ftiehem ma' Paolo li jmur f'Sao Paolo, il-Brażil u wara li jkun inġerixxa ammont sostanzjali ta' kapsoli li fihom kellu jkun hemm maħżuna l-imsemmija droga kokajina, jiġi Malta biha maħżuna f'ġismu u fuq il-persuna tiegħu. Kif jasal Malta l-akkużat kellu jmur ġewwa l-hotel li mmarkarlu Paolo fuq biċċa karta, u una volta f'din il-hotel, l-akkużat kellu jitlob in-numru tat-telefon tal-hotel, iċempel lil Paolo minn public telephone u l-istess Paolo kellu jaqta' passaġġ lejn Malta biex tkun ikun jista jsir it-tqassim ta' din id-droga. Għas-servizz tiegħu li jżomm, jimporta u jforni d-droga kokajina msemmija, l-akkużat kellu jitħallas ammont ta' tlett elef Euro (€3000) mingħand Paolo.

B'hekk l-akkużat jiġi li ftiehem u pjana ma' persuna oħra (Paolo) li jittrasporta d-droga f'Malta b'mod li ftiehem dwar in-natura u l-piż tad-droga li kellu jittrasporta f'Malta (Kokajina), iżda wkoll ir-rotta li kellu jaqbad biex jasal f'Malta. Fil-fatt l-akkużat kien xtara l-biljetti tal-ajru biex minn Lisbona fil-Portugall imur Sao Paolo fil-Brażil. Hemmhekk Paolo kien xtara lill-akkużat il-biljetti tal-ajru biex jasal f'Malta billi jsiefer minn Sao Paolo għal Ruma fl-Italja u minn Ruma lejn Malta. L-akkużat ftiehem ukoll il-mod ta' kif id-droga kellha tiġi ppakkjata u moħbija ("body-packing" ta' sitta u sittin kapsola, bil-bqija u ċioe' tlettax-il kapsola oħra li ġarr fuqu). B'hekk ftiehem kemm il-mezz tat-trasport (bl-ajru) li permezz tiegħu kellu jasal f'Malta jġorr fl-intern tiegħu u fuqu tali droga sabiex eventwalment din id-droga tkun tista tiġi imqasmma u traffikata f'Malta.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel huwa inġerixxa sitta u sittin kapsola u ġarr fuqu tlettax oħra li b'kollox kienu jikkontjenu 764.63 grammi tad-droga kokajina (il-"kapsoli"). Huwa qabad ajruplan li waslu minn Sao Paolo fil-Brażil għal Ruma fl-Italja u nhar it-13 ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) qabad it-titjira tal-Alitalia AZ 886 minn Ruma u fl-istess jum wasal Malta jġorr dawn il-kapsoli kif intqal aktar il-fuq.

Biss mal-wasla tal-akkużat f'Malta, huwa ġie mwaqqaf minn Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-Ajruport. Dawn l-Uffiċjali waqqfu lill-akkużat wara li ġihom suspett miħabba li kien hemm *tag* fuq il-bagalja li ma kienetx taqbel fil-kulur tagħha. Peress li dawn l-Uffiċjali ħasbu li dan kien *in transit* waqqfuh sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni tiegħu. Wara li għamlu tfittix fuq il-persuna tal-akkużat sabu tlettax-il kapsola suspettati li fihom droga kokajina f'borża drapp sewda li kienet fil-qalziet ta' taħt tiegħu. Aktar tard l-akkużat ittieħed l-isptar Mater Dei sabiex isirulu aktar investigazzjonijiet u minn x-ray tal-intern tiegħu irriżulta li l-akkużat fil-fatt kellu l-kapsoli ġewwa l-istonku tiegħu.

Wara li nżamm fl-isptar Mater Dei irriżulta li l-akkużat beda jipporga dawn il-kapsoli (sitta u sittin waħda) li, wara eżamijiet li saru fuqhom u fuq il-kapsoli li kien qed iġorr fil-qalziet ta' taħt (tlettax il-waħda), minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta li kien fihom id-droga kokajina f'ammont nett ta' 764.63 grammi b'purita ta' madwar 47.3%.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu, l-akkużat sar ħati talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi IANCUBA BALDE' talli fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina)

kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew talli ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-kuntest ta' ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-att t'akkuża, fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) l-akkużat importa klandestinament f'Malta kwantità tad-droga kokajina.

Fil-fatt fil-ġimgħat u xhur preċedenti din l-importazzjoni, waqt li kien f'Sao Paolo fil-Brażil l-akkużat u ċertu Paolo ftehemu bejniethom li jibdew jimpurtaw f'Malta d-droga kokajina biex tiġi mibjugħa u ttrafikata f'Malta. Fil-fatt in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, inġerixxa ammont ta' sitta u sittin (66) kapsola mimlija bid-droga kokajina u ġarr tlettax (13) il-kapsola oħra mimlija bid-droga kokajina fil-qalziet ta' taħt. Fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena 2011 wara li kien telaq bl-ajru minn Sao Paolo fil-Brażil lejn Ruma, huwa rikeb l-ajruplan lejn Malta minn Ruma fuq it-titjira AZ886. Dan l-ajruplan wasal Malta fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena 2011 mal-wasla tiegħu f'Malta l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu, u għalhekk irnexxielu jimporta konxjament fil-Gżejjer Maltin l-ammont ta' disgħa u sebgħin (79) kapsola mimlija b'764.63 grammi ta' droga kokajina.

Biss mal-wasla tal-akkużat f'Malta, huwa ġie mwaqqaf minn Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-Ajruport. Dawn l-Uffiċjali waqqfu lill-akkużat wara li ġihom suspett miħabba li kien hemm *tag* fuq il-bagalja li ma kienetx taqbel fil-kulur tagħha. Peress li dawn l-Uffiċjali ħasbu li dan kien *in transit* waqqfuh sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni tiegħu. Wara li għamlu tfittix fuq il-persuna tal-akkużat sabu tlettax-il kapsola suspettati li fihom droga kokajina f'borża drapp sewda li kienet fil-qalziet ta' taħt tiegħu. Aktar tard l-akkużat ittieħed l-isptar Mater Dei sabiex isirulu aktar investigazzjonijiet u minn x-ray tal-intern tiegħu irriżulta li l-akkużat fil-fatt kellu l-kapsoli ġewwa l-istonku tiegħu.

Wara li nżamm fl-isptar Mater Dei irriżulta li l-akkużat beda jipporga dawn il-kapsoli (sitta u sittin) li, wara eżamijiet li saru fuqhom u fuq il-kapsoli li kien qed iġorr, minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta li kien fihom id-droga kokajina f'ammont nett ta' 764.63 grammi b'purita ta' madwar 47.3%.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi IANCUBA BALDE' sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet hawn fuq imsemmija f'dan il-kap ta' dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi IANCUBA BALDE' talli nhar it-tlettax ta' Ġunju elfejn u ħdax importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida;

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-kuntest ta' żmien, lok u ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fit-tlettax ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011), l-akkużat IANCUBA BALDE', mal-wasla tiegħu f'Malta, kellu misjuba fl-intern tiegħu u fuq il-persuna tiegħu disgħa u sebgħin kapsola mimlija b'764.63 grammi ta' droga kokajina, u għalhekk kien fil-pussess konxju ta' dan l-ammont ta' droga kokajina, li kienet kienet intiża biex tigi kkonsenjata mill-akkużat lil persuna oħra f'Malta sabiex eventwalment tiġi mmexxija u traffikata f'Malta. Fortunatament l-intervent f'waqtu tal-Uffiċjali tad-Dwana fl-ajruport internazjonali ta' Malta sfratta dan il-pjan. Din id-droga ma kienetx intiża minn IANCUBA BALDE' biex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi IANCUBA BALDE' sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet

tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi IANCUBA BALDE' talli fit-tlettax ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu;

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-

oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Iancuba Balde', preżentat fis-27 ta' Settembru, 2016, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Iancuba Balde' għall-akkużi miġjuba kontrih fit-tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' <u>tmien (8) sena, u multa ta' tlieta u ghoxrien elf Ewro (€23,000)</u> dan oltre spejjeż peritali u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, nkluz il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-beni kollha mobbli u mmobbli appartenti lill-hati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 4 ta' Ottubru, 2016, fejn l-akkuza ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat li din l-Qorti tat zmien lill-akkuzat biex jerga' jahseb dwar l-ammissjoni tieghu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Iancuba Balde' ħati talli:

1. Fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta

sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew talli ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

2. Nhar it-tlettax ta' Ġunju elfejn u ħdax importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

3. Fit-tlettax ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija m ill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu.

Rat il-gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni bikrija fil-proceduri u b'hekk jigi evitat hafna xoghol inutli u spejjez ghall-amministrazzjoni tal-Gustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif gie deciz mill -Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem necessarjament u bħala dritt jintitola lill-hati ghal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the*

*discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) <u>where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..</u>"*

Ghaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u , l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati Iancuba Balde' ghall-piena ta' priġunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin, flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' elf u tmienja u sebghin ewro u disa' u sebghin centezmu **(€1078. 79),** rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-hati.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota  - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum  - li d-droga eżebita hija meħtiega in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-

Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur